- *dokument eżentat milli jiġi prodott fil-Qorti*
- *bilanċ bejn interessi pubbliċi differenti*
- *Art.637(4) Kap 12*
- *Kap 496 – Att dwar il-Liberta` tal-Informazzjoni*

# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## GRAZIO MERCIECA LL.D.

## Fl-atti tar-Rik. Ġur. 267/2010 GM

## Peter Paul Sammut

**vs**

## Kummissarju tal-Pulizija et.

## Digriet mogħti waqt l-udjenza tat-28 ta' Jannar 2019

Il-Qorti

Rat ir-rikors tal-attur tal-31.10.2018 li permezz tiegħu talab li jħarrek rappreżentant tal-Kummissarju tal-Pulizija mis-*salaries/accounts/HR* biex jixhed dwar l-aħħar ftehim li ntlaħaq f'isem il-Pulizija ftit ġimgħat qabel, bl-iskop li jistabbilixxi s-salarju dovut lill-attur kieku baqa' fil-korp;

Rat ir-risposta tal-Kummissarju tal-Pulizija tal-14 ta' Novembru 2018 li permezz tagħhha, wara li kkonsulta mal-Ministeru għall-Intern u s-Sigurta` Nazzjonali (wieħed mill-firmatarji tal-Ftehim Settorjali flimien, fost l-oħrajn, mal-istess Ministeru) qiegħed jopponi għall-produzzjoni ta' nformazzjoni dwar l-imsemmi ftehim billi skont l-artiklu 637(3)(a) tal-kodiċi ritwali, huwa dokument ipprivileġġjat. Il-Kummissarju jserraħ l-oppożizzjoni tiegħu partikolarment fuq l-artiklu 38(d) tal-Kap 496 – l-Att Dwar il-Liberta` tal-Informazzjoni. Disposizzjoni li taqa' taħt Taqsima VI fejn, kuntrarjament għal Taqsima V, ir-raġunijiet biex dokument ma jiġix svelat mhumiex "konklużivi". Skont dan is-sub-artiklu, dokument ikun eżentat jekk l-iżvelar tiegħu "iwassal biex, jew jista' raġonevolment ikun mistenni li… jkollu effett ħażin sostanzjali fuq it-tmexxija ta' negozjati (inklużi negozjati kummerċjali u industrijali) mill-Gvern jew awtorita` oħra jew f'isimha". Dan l-artiklu huwa bla ħsara għall-artiklu 35. Art. 35(2) jorbot in-nuqqas ta' żvelar "biss jekk ikun fih materja li fir-rigward tagħha l-interess pubbliku li jinqeda bin-nuqqas ta' svelar m'għandux piż iktar mill-interess pubbliku li jinqeda jekk id-dokument ikun żvelat". Il-Qorti għalhekk, trid twieżen żewġ interessi pubbliċi differenti – dak imsemmi fl-artiklu 38(d) u l-interess pubbliku li jinqeda billi l-attur ikollu *equality of*

*arms* proċedurali u billi l-attur ma jiġix imfixkel mid-dritt għall-aħjar prova biex ikunu jistgħu jiġu likwidati d-danni fil-każ li tinsab xi responsabilita` da parti tal-konvenuti kollha jew uħud minnhom. Jedd dan marbut sewwa mal-prinċipju bażiku ta' smiegħ xieraq;

Illi l-konvenut Kummissarju tal-Pulizija ma wera bl-ebda mod kif kxif ta' ftehim mal-membri tal-Korp tal-Pulizija jista' jippreġudika negozjati kummerċjali jew industrijali. Fin-nuqqas ta' din it-turija, il-miżien ixaqleb sewwa lejn l-interess pubbliku l-ieħor ta' smiegħ xieraq li m'għandu qatt jiġi mxellef minn privileġġi governattivi eżerċitati bla bżonn. B'danakollu, wara li qieset l-aspetti kollha tal-każ, din il-Qorti tordna li l-Kummissarju jiġi mħarrek biex jidher quddiemha għas-seduta li jmiss u jesebixxi estratt mill-ftehim settorjali in kwistjoni fejn dan jirrigwarda salarji biss, liema estratt għandu jiġi ssiġillat; miżmum fis-sigrieta ta' din il-Qorti u disponibbli biss għall-Qorti u għall-avukati tal-partijiet. Kwalunkwe domandi li jistgħu isiru lill-Kummissarju jew rappreżentant tiegħu fir-rigward ikunu ukoll issiġillati u disponsibbli bl-istess mod.

Onor. Imħallef
Grazio Mercieca